**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum il-Hamis 21 ta` Lulju 2016**

**Rikors Revoka Nru. 1005/12JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni bin-numru 977/2012 mahrug fit-30 ta` Lulju 2012 fl-ismijiet :**

**JF Security and Consultancy Services Ltd (C 13768)**

***vs***

**Dipartiment tal-Kuntratti**

***u***

**Kullegg Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknologija**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezenta l-Kullegg Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknologija ("**l-esekutat**") fil-5 ta` Ottubru 2012 fejn inghad hekk :-

*Illi din l-Onorabbli Qorti, fit-30 ta` Lulju 2012, laqghet it-talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni (**il-Mandat**) fil-konfront tal-kullegg rikorrenti u inibiet lill-istess milli jwettaq u/jew ikompli bl-aggudikazzjoni u.jew jaghti jew jiffirma l-kuntratt ghall-ghoti ta` servizzi ta` sigurta` lis-siti kollha tal-Kullegg b` rizultat tas-sejha ghall-offerti numru ET/2169/2011.*

*Illi effettivament, dan ifisser li l-Kullegg rikorrenti ma jistax jahtar kumpanija sabiex tforni servizzi ta` sigurta`.*

*Illi l-kuntratt ta` servizzi ta` sigurta` illum skada u dan peress li din kienet it-tieni sejha ghall-offerti ghal dawn is-servizzi, ghaliex l-ewwel sejha kellha tigi kkancellata proprju minhabba oggezzjonijiet fuq binarji simili.*
*Illi fil-prattika, b` rizultat tal-hrug ta` dan il-mandat ta` inibizzjoni, il-Kullegg ghandu zewg toroq quddiemu – jew li jwaqqaf lis-socjeta` li qieghda toffri s-servizzi ta` sigurta` , li incidentalment hija l-istess socjeta` li talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni, cioe` s-socjeta` JF Security and Consultancy Services Ltd, u l-Kullegg jibqa` minghajr servizzi ta` sigurta` sakemm jinqata` l-appell, jew li jkompli fl-istat ta` illegalita` li qieghed jopera fih illum, billi qieghed ihallas direttament u minghajr sejha ghall-offerti lis-socjeta` JF Security and Consultancy Services Ltd u bi ksur tal-Att Legali 296/2010.*

*Illi l-ebda wahda minn dawn il-possibilitajiet ma hija konsiljabbli, ghaliex it-tnejn ihallu lill-Kullegg esponenti f` pozizzjoni prekarja.*

*Illi l-kwistjoni odjerna tikkoncerna d-dritt ta` forniment ta` servizzi ta` sigurta, li essenzjalmetn hija kwistjoni ta` kumpens fejn tidhol is-socjeta` intimata. Min-naha l-ohra, il-qofol tal-mandat ta` inibizzjoni odjern ma jikkoncernax il-prezz li ser ihallas il-Kullegg rikorrenti ghas-servizzi moghtija, izda dak li ser tithallas is-socjeta` li tinghata l-appalt ghas-servizzi. Din il-kwistjoni ma tistax tigi mistharrga qabel ma` jinghata l-appalt.*

*Illi l-Kullegg rikorrenti lest jaghti kull garanzija sabiex jassigura li l-obbligi tieghu skond il-ligi jigu segwiti mill-appaltatarju rebbiehi.*

*Għaldaqstant, il-Kullegg Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknologija jitlob li l-mandat ta` inibizzjoni numerat 977/12 jiġi revokat minnufih minn din l-Onorabbli Qorti, u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.*

Rat ir-risposta li JF Security and Consultancy Services Limited ("**<u>l-esekutanti</u>**") ipprezentat fit-22 ta` Ottubru 2012 li taqra hekk :-

*Illi s-soċjeta` JF Security and Consultancy Services Limited (minn hawn `il quddiem "**<u>JF</u>**") qiegħda tippreżenta din ir-risposta entru t-terminu ta` sebat (7) ijiem konċess lilha mill-Onorabbli Qorti għar-rikors intavolat mill-Kullegg Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknologija (minn hawn il-quddiem "**<u>MCAST</u>**" ) nhar il-5 ta` Ottubru 2012.*

***A. <u>Il-Proċedura użata</u>***

*i. Illi preliminarjament **JF** tinsab kemmxejn konfuża dwar x` tip ta` azzjoni si tratta r-rikors ta` l-entita intimate, u dana peress illi:*

*1. is-soċjeta` esponenti qatt u fl-ebda ħin ma intavolat kawża quddiem il-Prim` Awla Ċivili fl-ismijiet premessi ;*

*2. L-unika kawża li ġiet intavolata fl-ismijiet premessi tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell (sede inferjuri) 30/2012/GC (kopja qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**JF1**") ;*

*3. L-unika azzjoni intavolata quddiem il-Prim` Awla Ċivili fl-ismijiet premessi, kien mandat ta` inibizzjoni (kopja qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**JF1**") bin-numru 977/2012 li ġie milqugħ nhar it-tletin (30) ta` Lulju 2012 (kopja qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**JF2**");*

*4. l-istess rikors intavolat mill-**MCAST**, qiegħed jindika li "l-Kawża mhux appuntata" u fl-istess ħin qed jindika li r-rikors qed jiġi intavolat "Fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni".*

*Illi a bażi ta` dawn in-nuqqasijiet, is-soċjeta` **JF** umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors tas-soċjeta` intimata din l-Onrabbli Qorti għandha tiċħad it-talba ta` l-**MCAST** ;*

*ii. Illi f` kaz li l-azzjoni si tratta ta` rikors guramentat u li giet intavolata quddiem il-Prim` Awla Civili, allura irridu jittiehdu dawn il-konsiderazzjonijiet :*

*1. Illi dan huwa r-rikors promotur ;*

*2. Illi r-rikors kellu jkun wiehed guramentat u dan kief espressament indikat fil-kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi r-rikors huwa nieqes mill-formalitajiet rikjesti mil-ligi ;*

*4. Illi l-ismijiet tal-kawza premessi huma invertiti, u dana peress li kif indikati jidher li s-socjeta`* ***JF*** *qed tittenta li tiftah kawza sabiex twaqqaf l-effetti tal-mandat taghha stess ;*

*Illi a bazi ta` dan in-nuqqas is-socjeta`* ***JF*** *umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors tas-socjeta` intimata din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tal-MCAST ;*

***B. <u>Ir-raguni trid bilfors tistrieh fuq artikolu 836</u>***

*Illi rrid ukoll jinghad li Mandat kawtelatorju jista` jigi attakkat biss abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, liema artikolu jispecifika l-uniku ragunijiet li jistghu jwasslu ghal revoke ta` Mandat kawtelatorju ;*

*Illi l-ewwelnett f` dan ir-rigward, l-entita intimate naqset milli tindika l-bazi tar-rikors taghha ai termini ta` l-artikolu 836 ;*

*Illi di piu` fil-mertu tar-rikors odjern in effetti ma jirrizulta li tissussisti ebda wahda mir-ragunijiet specifikati fl-artikolu 836, li huma s-segwenti :*

*(a) li l-att kawtelatorju m`ghadux iktar fis-sehh ;*

*(b) li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti ;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att*

*kawtelatorju iehor,jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista` ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni ; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ; jew*

*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed ; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

*Illi fid-digriet datat 30 ta` Lulju 2012, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat, da nil-mandat mitlub li jidher li hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tas-socjeta` JF;*

*Illi kif intqal mill-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bl-ismijiet* ***Taormina Holdings Limited v Biochemicals International Limited*** *datat 30 ta` Ottubru 2003, proceduri ghall-hrug ta` kontro-mandat (bhall-proceduri odjerni) :*

*"mhux intizi biex iservu ta` revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jesistux l-estremi li trid il-ligi, skond ilprovedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto."*

*Illi ghalhekk il-proceduri odjerni ma jistghux jintuzaw sabiex mandate jigi attakkat abbazi tar-rekwiziti ghall-hrug tieghu, bhalma qed tipprova taghmel l-MCAST, billi dawn il-proceduri ma jservux ta` appell ;*

*Illi minn digriet li jilqa` l-hrug ta` mandat kawtelatorju lanqas jista` jsir appell ai termini tal-artikolu 229 tal-Kap 12, billi dan it-tip ta` digriet la hu interlokutorju u lanqas ma hu definittiv, izda jrid bil-fors jintalab il-hrug ta` kontro-mandat abbazi tal-artikolu 836m jew fl-alternattiva tinbeda azzjoni separata ad hoc ;*

*Illi dan il-principju gie spjegat fid-dettal mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza bl-ismijiet* ***Paul Tanti pro et noe v Sammy u Joseph Mifsud pro et noe*** *datata 19 ta` Novembru 2001 li kienet*

*tikkoncerna kaz fejn inhareg mandate kontra persuni possibilment zbaljati, liema Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Darryl Francis Grima proprio et nomine v L-Onorevoli Prim Ministru et nomine*** *tal-21 ta' Gunju 1988 :*

*"Il-gurisprudenza hekk tghallem fir-rigward. Fis-sentenza "Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta` Gunju, 1988 f`kawza li l-mertu taghha kien jirrigwarda mandat ta` inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat :-*

*"Hija gurisprudenza ta` dawn il-Qrati (vide Rikors ta` Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta` l-Appell fl-10 ta` Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta` digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta` digrieti hemm appell,ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m`huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah Permezz ta` appell dirett izda biss permezz ta` citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista` jkun hemm anke appell.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digrieti dwar mandati kawtelatorji bhalma huma dak ta` inibizzjoni u mandat ta` sekwestru, ma setghux jitqiesu definitivi "ghax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Gudikant, lanqas ma jista` jigi kunsidrat bhala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju izda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li taghtu fuq talba b`citazzjoni ta` l-interessat meta fil-gudizzju iskrezzjonali taghha, l-Qorti tara raguni tajba biex tiggustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta` appell is-setgha li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-kaz ta` vjolazzjoni tal-ligi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raguni ohra tajba skond il-ligi." (Vol.XXXVII.i.519,Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24)"*

*Illi ghalhekk l-MCAST kellha ghazla jew li tipprocedi ghall-hrug ta` kontro-mandat ai termini tal-artikolu 836, kif mit-talba taghha ghall-hrug ta` kontro-mandat jidher li qed taghmel, jew li tattakka d-digriet tal-OnorabblI Qorti billi taghmel azzjoni separata ad hoc "in kontradittorju tal-kontroparti" u dan kif spjegat l-Onorabbli Qorti fis-sentenza succitata, kif ukoll fis-sentenza* ***Victor Vassallo v. Edwin Bartolo et*** *tas-27 ta` Gunju 2003 li kienet tirrigwarda Mandat mahrug minn Qorti inkompetenti :*

*"L-ispedizzjoni tal-mandat ma ghandhiex tigi ritardata hlief jew minhabba xi difett fir-rekwiziti ta` forma preskritta mil-ligi, ghax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-disposizzjonijiet dwar il-mandat; u ghalhekk meta jigi mitlub il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni, u tigi sollevata l-kwestjoni jekk il-Qorti adita hijiex kompetenti, dak mhux l-istadju li fih tista` tigi dibattuta l-kwestjoni tal-<u>kompetenza imma kwestjoni simili tista` tigi nvestita in segwitu ghall-mandat kif preskritt mil-ligi, jew b`azzjoni ad hoc"</u>*

*Illi gialadarba inghata digriet mill-Qorti jilqa` t-talba ghall-hruga ta` Mandat ta` Inibizzjoni kif kontenuta fir-rikors tas-socjeta` JF, l-MCAST kellha tattakka d-digriet tal-Onorabbli Qorti,* ***<u>billi dan id-digriet ghandu bhal sentenza tal-Qorti jitqies bhala gudikat, u b` hekk jassorbi kull eccezzjoni li kien imissha, jew setghet, giet sollevata fil-mertu.</u>***

*Illi dan huwa principju ben stabbilit u komfortat bil-gurisprudenza tal-Qrati nostrani fir-rigward tas-sentenzi tal-Qrati u ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati ghandu jigi applika bl-istess mod ghal digrieti tal-Qorti.*

*Illi l-principju msemmi fil-premess gie deskritt tajjeb mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza bl-ismijiet* ***Anna Magro v Emmanuela Psaila f` isimha proprju ghal kull interess li ghandha u bhala legittima rapprezentanti ta` binha minuri Peter Paul Psaila*** *datata s-6 ta` Dicembru 2002 :*

*"<u>Il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in mertu ghall-azzjoni kien imissha jew setghet tigi sollevata in relazzjoni ma l-azzjoni stess. U meta hemm il-gudikat mhumiex ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollhom bhala effett li jiddistruggu jew jirrestringu l-effett tal-gudikat.</u>*

*In-nullitajiet jistghu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bhala regola generali, il-ligijiet u d-dottrina, u l-ligi taghna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista` jkun ghat-tezi tal-validita` tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. <u>Anki fejn in-nullita` hija dikjarata espressament mil-ligi, hija ma toperax qatt wahedha b`mod li, jekk l-att ikun sentenza, tnaqqas `motu proprio` il-karattru ta` gudikat ta` dik is-sentenza; imma huwa mehtieg li dik in-nullita` tigi proposta mill-interessati fi zmien utili u b`wiehed mill-mezzi li trid u biss tirrikjedi l-ligi.</u>*

*Meta s-sentenza tghaddi f`gudikat, ghax ma tigix appellata jew ritrattata, jew ghaliex, jekk appellata jew ritrattata, tigi konfermata, hija ssir*

*irrevokabbli; u ma jkunx aktar lecitu li tinfetah diskussjoni fuqha, lanqas jekk tkun, forsi, ingusta. Ghax jekk min hu interessat ma juzax mir-rimedji li taghtih il-ligi biex jiwaqqa sentenza bhala nulla, ma ghandux raguni jilmenta mill-inflessibilita` tal-principju ta` l-irrevokabillita` tas-sentenza;"*

*Illi b` dan il-Qorti spjegat li anke meta n-nullita` tissemma espressament mil-ligi din trid titqajjem bhala eccezzjoni, jew tul is-smiegh ta` kawza, jew fl-istadju ta` appell jew ritrattazzjoni ;*

*Illi dawn l-argumenti ma jistghux jitqajmu f` dan l-istadju billi l-proceduri odjerni ghall-hrug ta` kontro-mandat (ai termini tal-artikolu 836) huma proceduri specjali li johorgu mil-ligi, u kif gie spjegat fuq, ma jistghux iservu bhala appell mid-digriet li bih il-Qorti laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat ;*

*Illi bhal sentenzi tal-Qrati, digrieti li jilqghu talbiet ghall-hrug ta` mandate ghandhom jitqisu* ***gudikati*** *_u dan billi digrieti bhal dawn, kif diga` gie spjegat permezz tal-kwotazzjoni mis-sentenza* ***Paul Tanti pro et noe v Sammut u Joseph Mifsud pro et noe****, m` humiex digrieti interlokutorji.*

***C. <u>In Kwantu ghall-mertu</u>***

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta`* ***JF*** *qed tiehu konjizzjoni ta` dak mistqarr mill-****MCAST*** *dwar xi illeglaita` li eventwalment tista` tikkommetti ;*

*Illi s-socjeta`* ***JF*** *tinsab sodisfatta li wara l-krucjata taghha, l-****MCAST*** *illum bidlet il-pozizzjoni taghha dwar l-azzjonijiet illegali - u qed tabbracja dak li s-socjeta`* ***JF*** *hadmet ghalih u cjoe` il-gustizzja ;*

*Illi sussegwentement irrid jigi indikat li l-hekk imsejha illegalita` mhu xejn ghajr prassi li tigi addottata ta` kull jum mill-Gvern u l-entitatjiet tieghu, u cjoe` li s-socjeta` li kienet qed tforni s-servizzi taghha tibqa` taghmel dan sakemm kuntratt gdid jigi ffirmat – ghaldaqstant ma hemm xejn illegali ;*

*Illi l-**MCAST** hassa difficli sabiex jikkwota liema artikolu tal-ligi qed jinkiser u dana peress li ma jezisti l-ebda artikolu fl-Att legali 296 ta` l-2010 li jirregola din is-sitwazzjoni u simili ghaliha u l-hekk imsejha illegalita` mhi xejn ghajr frott ta` l-immaginazzjoni ta` l-MCAST.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, is-socjeta` esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors tas-socjeta` intimata datat it-3 ta` Settembru 2012.*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-digriet li tat din il-Qorti fis-6 ta` Novembru 2012 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-8 ta` Jannar 2013.

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Jannar 2013 fejn kien dikjarat min-naha tal-esekutata illi t-talba ghar-revoka tal-Mandat kienet qeghda ssir skont l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.**

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment kamerali.

Rat l-atti ta` dan il-procediment u l-atti tal-Mandat.

## II. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Fl-udjenza tat-8 ta` Jannar 2013, l-esekutat iddikjara li t-talba ghar-revoka tal-Mandat kienet qeghda ssir abbazi tal-Art 836(1)(f) tal-Kap 12. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-esekutanti gabet l-argument illi b`dik id-dikjarazzjoni l-esekutata bidlet in-natura tal-istanza taghha. Din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma. Il-Qorti tirrimarka illi kien fuq direzzjoni taghha li saret il-kjarifika u dan sabiex ikunu specifikati l-parametri tal-istanza odjerna. Fl-istess waqt, il-Qorti tghid illi b`dak ipprecizat ma nbidel propju xejn min-natura tat-talba ghaliex l-esekutat qed jitlob ir-revoka ghal kollox

tal-Mandat peress li skont l-esekutat jikkonkorru c-cirkostanzi tal-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.

Dan premess, ghandu jinghad illi huwa sal-livell ta` *prima facie* l-ezami li trid taghmel il-Qorti sabiex tistabilixxi l-fondatezza o meno tal-lanjanzi tal-esekutata.

Fil-provvedimenti li tat din il-Qorti (**PA/RCP**) fil-proceduri fl-ismijiet "**Joseph Camilleri et v. Anthony Gove` et**" u "**Josephine Sammut v. Emanuel Sammut et**" tal-10 ta` Mejju 2001 u tad-29 ta` Novembru 2001 rispettivament inghad li :-

*" … mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta` 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta` dejjem ta` procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

L-istess Qorti (**PA/RCP**) fil-provvediment "**Tanya Chetcuti pro et noe v. Hugo Chetcuti**" tas-27 ta` Gunju 2002 qalet illi :-

*" … fil-fatt jista` jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f`din il-procedura huwa biss sabiex tezamina `prima facie` jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta` Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta` Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta` Frar 2001)". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – tat-30 ta ` Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta` Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia)".*

Issa l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12 li jkun hemm lok ghal revoka jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Diversa kienet il-gurisprudenza li ttrattat l-elementi mehtiega ghall-applikazzjoni ta` din id-disposizzjoni.

Fil-provvediment li tat din il-Qorti (**PA/LSO**) fil-procediment fl-ismijiet "**Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et**" tat-30 ta` April 2015 [Rik Nru 302/2015] jinghad :-

*"Kwantu ghall-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12.(f) gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Spiteri v Darmanin" - (PA/JRM) dec. fil-25 ta` Awwissu 2010 :***

*Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et" .*

*Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz"*

Fil-provvediment illi tat fl-4 ta` Frar, 2016 fil-procediment "**Steven Pace et vs Paul Camilleri et**" [Rik Nru 1454/2015] din il-Qorti **(PA/SM)** qalet :-

*"Illi biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo."*

Fil-provvediment illi tat fit-13 ta` Awissu 2013 fil-procediment "**Carmel Debono vs Paul Demanuele et"** [Rik Nru 982/2012] din il-Qorti rrilevat illi :-

*"Fil-provvediment taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fir-Rikors Nru 688/2012 (op. cit.) din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, ilkwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-*

*mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din ittifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et")."*

L-istess sens kien ritenut minn din il-Qorti (**PA/JPG**) fil-provvediment taghha tas-17 ta` Marzu 2014 fil-procediment "**James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et**" [Rik Nru 1709/2013] :-

*"With regards to 836(1)(f) the Maltese Courts have reiterated that Article (1)(f) can only be invoked were circumstances change subsequent to the issue of the warrant in such a way as to make the continued enforcement of the warrant unreasonable, no longer necessary, or justifiable – vide Ryan John Farrugia vs Olive Garden Investment Limited et decided on the 3 rd September 2012."*

Imbaghad fil-provvediment tat-22 ta` Ottubru 2015 fil-procediment fl-ismijiet "**George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et"** inghad dwar l-istess disposizzjoni illi :-

*"Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli ab inizio, jew gustifikabbli, issa m`ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat."*

Fil-provvediment li tat din il-Qorti fit-2 ta` Dicembru 2014 fil-procediment fl-ismijiet "**Blue Rapid Incorporation vs Elf Aquitaine**" [Rik Nru 125/2014] jinghad :-

*"Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)" il-Qorti qalet hekk dwar l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12 :-*

*"Illi jinghad ukoll li id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz ; "*

Fil-kaz tal-lum, l-argument tal-esekutat huwa li ladarba skada l-kuntratt ta` servizz ta` sigurta`, in vista ta` dak li jipprovdi l-Mandat, huwa qed ikun kostrett jew jaghzel li jibqa` minghajr servizz ta` sigurta` sakemm jigi deciz l-appell pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell jew ikompli fl-istat ta` illegalita` li qieghed jopera fih billi jibqa` jhallas lill-esekutanti ghal servizzi taghha filwaqt li jinjora l-aggudikazzjoni li saret wara t-tieni sejha ghall-offerti. Minhabba d-dewmien fir-risoluzzjoni tal-appell, mhuwiex ragonevoli li l-Mandat jibqa` fis-sehh.

Min-naha taghha, l-esekutanti ssostni li hekk kif ikkonkludiet il-Qorti meta laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat, meta wiehed iqabbel il-pregudizzju li tista` ggarrab l-esekutanti bl-ghemil tal-esekutata ma` dak li jsehh li kieku t-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat kellha tintlaqa`, il-hsara li ggarrab l-esekutanti tkun bil-wisq akbar kieku l-process kellu jibqa` ghaddej milli kieku kellu jitwaqqaf sakemm tinghata d-decizjoni finali mill-Qorti. L-esekutanti sahqet li kif qalet il-Qorti l-htiega hija sodisfatta sewwasew minhabba li t-tkomplija tal-process ta` aggudikazzjoni jista` jgib fix-xejn il-proceduri tal-appell. Saret enfasi illi dak kollu li kien hemm fil-Mandat ghadu jghodd u ma nibidel xejn fic-cirkostanzi li kienu wasslu ghall-hrug tal-Mandat. Sostniet ukoll illi l-fatt li l-kuntratt vigenti bejnha u bejn il-Kullegg qed jigi estiz, hija prassi addottata mill-Gvern u mill-entitatijiet tieghu illi socjeta` li kienet qeghda taghti servizz tibqa` taghmel dan sakemm jigi konkluz kuntratt gdid.

Tenut kont ta` l-premess, din il-Qorti ssib li jirrizultax li kien hemm xi bdil fic-cirkostanzi li ghandhom iwasslu ghar-revoka tal-Mandat.

L-argument tal-esekutat illi in vista tal-Mandat qed ikun kostrett jew li tispicca minghajr servizz ta` sigurta` jew li jissokta fi stat ta` illegalita` bit-tkomplija tas-servizz mill-esekuanti huwa tentattiv sabiex b` xi mod jigi ttentat appell mid-digriet li bih kien ordnat il-hrug tal-Mandat. It-tentattiv qed ikun rigettat minn din il-Qorti ghaliex huwa l-Art 836(1) tal-Kap 12 li jirregola talbiet ghal revoka ta` mandati kawtelatorji. Inoltre l-argument

tad-dewmien mhuwiex tali li jikkostitwixxi bdil fic-cirkostanzi ghall-finijiet tal-Art 836(1)(f).

Tajjeb jinghad illi din il-Qorti ghandha gharfien tal-fatt illi fil-mori ta` dan il-procediment permezz ta` sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Inferjuri moghtija fit-28 ta` Marzu 2014 kienet michuda t-talba ta` l-esekutanti. Per konsegwenza ma hemmx aktar lok ghat-talba ghar-revoka tal-Mandat. Jifdal il-kap tal-ispejjez. Fic-cirkostanzi l-Qorti tghid illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

## III. Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta. In kwantu ghall-ispejjez ta` dan il-procediment, qeghda tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha, dan in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**